

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fis-27 ta' Ġunju  
2017 – Stefano Liberato vs Luminita Luisa Grigorescu**

(Kawża C-386/17)

(2017/C 338/03)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Stefano Liberato

Konvenuta: Luminita Luisa Grigorescu

**Domandi preliminari**

- 1) Il-ksur tar-regoli dwar il-lis pendens, li jinsabu fl-Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament Nru 2201/2003 <sup>(1)</sup>, għandu impatt eskużiżi fuq l-istabbiliment tal-ġurisdizzjoni, bil-konseġwenti applikazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003, jew, għall-kuntrarju, jista' jikkostitwixxi raġuni li tipprekludi r-rikonoxximent fl-Istat Membru li fih għet adita l-qorti inizjali, tas-sentenza mogħtija fl-Istat Membru li fih għet adita l-qorti sussegwenti, mill-perspettiva ta' ordni pubbliku proċedurali, peress li l-Artikolu 24 tar-Regolament KE Nru 2201/2003 jirreferi biss għar-regoli li jiddeterminaw il-ġurisdizzjoni inklużi fl-Artikoli 3 sa 14, u mhux fis-sussegwenti Artikolu 19?
- 2) L-interpretazzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003, intiż biss bħala kriterju determinattiv tal-ġurisdizzjoni, tmur kontra l-kunċett tad-dritt tal-lis pendens kif ukoll il-funzjoni u l-iskop tar-regola, intiżha li tistabbilixxi sett ta' regoli vinkolanti, ta' ordni pubbliku proċedurali, li jiggarrantixxi l-ħolqien ta' spazju komuni kkaratterizzat mill-fiduċja u mill-lealtà proċedurali reċiproka bejn l-Istati Membri, li fih ikun jista' jitwettaq ir-rikonoxximent awtomatiku u l-moviment liberu ta' deċiżjonijiet?

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 19, Vol. 6, p. 243)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fit-28 ta' Ġunju  
2017 – Presidenza del Consiglio dei Ministri vs Fallimento Traghetti del Mediterraneo SpA**

(Kawża C-387/17)

(2017/C 338/04)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Presidenza del Consiglio dei Ministri

Konvenuta: Fallimento Traghetti del Mediterraneo SpA